MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**SCICLUNA DAVID**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Numru 11/2000

**Att ta' Akkuza Nru. 11/2000**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

***Omissis***
**Brian Godfrey Bartolo u**
***Omissis***

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fit-18 ta' Jannar 2001 mill-Onorabbli Qorti Kriminali li tghid hekk:

"**Il-Qorti**,

Rat l-Att ta' Akkuza 11/2000;

Rat id-digriet taghha tal-lum stess li bih wara talba tal-prosekuzzjoni, ordnat li l-proceduri kontra l-akkuzat Brian Godfrey Bartolo jigu trattati separatament mill-proceduri kontra xi akkuzat iehor li sa dan il-mument kien ko-akkuzat ma' dan Brian Godfrey Bartolo.

Semghet lill-Brian Godfrey Bartolo jammetti volontarjament u inkondizjonatament l-akkuzi dedotti kontrih, f'liema ammissjoni baqa' jippersisti anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u tghatu zmien xieraq biex, jekk irid, jirrikonsidra tali ammissjoni tieghu.

Tiddikjara lill-Brian Godfrey Bartolo hati ta' l-akkuzi dedotti kontrih, u cioe' talli;

***1. Importa, gieghel li tigi mportata, jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata, medicina perikoluza (kokaina) f'Malta, skond l-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza;***

***2. Importa, gieghel li tigi mportata, jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata, medicina perikoluza (eroina) f'Malta, skond it-Tieni Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza;***

***3. Importa, gieghel li tigi mportata, jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata, medicina perikoluza (raza tal-cannabis) f'Malta, skond it-Tielet Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza;***

***4. Forna, jew ipprokura jew offra li jforni, jew li jipprokura, id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Kap 101, u dan skond ir-Raba Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza;***

***5. Forna, jew ipprokura jew offra li jforni, jew li jipprokura, id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Kap 101, u dan skond il-Hames Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza;***

***6. Forna, jew ipprokura jew offra li jforni, jew li jipprokura d-droga raza tal-cannabis specifikata fl-ewwel skeda tal-Kap. 101, u dan skond is-Sitt Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza;***

***7. Assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta biex ibieghu jew jittraffikaw medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 101, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni u dan skond is-Seba Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza.***

Rat l-atti processwali specjalment biex tara ezattament x'kien u f'hiex kien jikkonsisti l-involviment tal-hati Brian Godfrey Bartolo fl-atti kriminanti addebitati lilu u li hu ammetta li wettaq f'kull wiehed mis-seba kapi li hemm f'dan l-Att ta' Akkuza.

Rat l-Artikoli 2 (1), 8 (a) (b), 9, 10, 10 (1), 12, 12 (1) (5), 14 (ii), 15, 15 A, 20, 22 (1) (a) (18) 2 (a) (i) (3A) (d), 22 (1) (a) (f) (aA), (aB) (2) (a) (i) (3A) (c) (d), 22(f) u 26 ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (GN 292) (1939), kif ukoll, l-Artikoli 23, 22 (1) (a) (2) (a) (i) (ii), 22 (2) (b) (i) u 533 tal-Kodici Kriminali. Semghet lix-xhieda prodotti ghall-fini tal-piena kemm mid-difiza kif ukoll mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-Avukat Prosekutur u lill-Avukat difensur tal-hati dwar il-piena.

Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u cioe':

***a) L-ammissjoni tal-persuna akkuzata misjuba hatja f'dan l-istadju tal-proceduri qabel ma gie format il-Guri u b'hekk gie ffrankat xi hin u spejjes;***

***b) iz-zmien li l-hati ilu taht arrest preventiv u l-fedina penali tieghu;***

***c) l-ammont, kwalita' varja u valur tad-droga in kwistjoni, li kienu konsiderevoli;***

***d) kull cirkostanza ohra li thoss li hi rilevanti mal-kaz.***

Rat l-istqarrija tal-hati fejn hu ta' l-verzjoni tieghu tal-fatti u cioe' il-modus operandi li bih kienet qed tiddahhal id-droga f'Malta f'ammonti konsiderevoli, u fejn kien involut hu, u li kienet ilha sejra madwar sena u nofs jew aktar, f'liema zmien kien hemm xi hames okkazzjonijiet ohra fejn iddahhlet id-droga f'Malta bil-mod kif hemm msemmi fil-parti esposittiva ta' kull Kap fl-Att ta' Akkuza.

Qieset il-fatt li fl-istqarrija tieghu u matul l-istadju ta' l-investigazzjonijiet tal-pulizija, il-hati qatt ma ammetta direttament u b'mod car li kien involut fl-importazzjoni tad-droga bil-mod kif jirrizulta fl-atti, izda qal li l-oggett li kien qed jigi mportat, sa fejn jaf hu, kellu jkun deheb ghalkemm stqarr li kien jissusspetta li ma kien deheb xejn izda droga.

Illi b'dana kollu, u minkejja dan is-suspett tieghu, jirrizulta li l-hati, f'mill-anqas hames okkazzjonijiet separati tul perjodu ta' sena u nofs, kien involva ruhu sew u kien ferm attiv fil-mod ta' kif giet importata f'Malta din il-kwantita' u kwalita' ta' droga.

<u>Ikkunsidrat</u>:

Illi normalment meta akkuzat jammetti l-akkuzi dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri, qabel ma jigi furmat il-guri, il-Qorti tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni ghal dik li hi mitigazzjoni fil-piena. Jigi rilevat, izda, li din mhiex xi haga awtomatika fis-sens li mitigazzjoni fil-piena ghandha bil-fors tinghata kull darba li hemm ammissjoni. Jekk tinghatax xi mitigazzjoni,jew kemm din ghandha tkun jekk il-Qorti tiddeciedi li timmitiga l-piena, din tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti wara li hi tikkonsidra dak kollu li

jidhrilha li hu rilevanti u l-fattispecie ta' kull kaz quddiemha.

Il-Qorti ghalhekk ikkunsidrat li f'dan il-kaz il-partecipazzjoni tal-hati fir-reati lilu addebitati kienet wahda ferm attiva, kostanti, u mifruxa tul perjodu ta' zmien, fis-sens li din ma kienetx l-ewwel u l-unika darba li hu kien involut fl-importazzjoni w traffrikar tal-kokaina, eroina u raza tal-cannabis .

Ikkunsidrat ukoll in-nuqqas  ta' ko-operazzjoni shiha da parti tal-hati mal-pulizija investigattiva fis-sens li hu qal li kien jissuspetta biss li l-importazzjoni kienet tikkoncerna d-droga, ghaliex, skond hu, din l-attivita' li hu ha parti fiha kellha tkun ta' importazzjoni tad-deheb u mhux droga.

Ikkunsidrat li l-hati, minkejja l-ammissjoni tieghu qabel ma gie furmat il-guri, b'dana kollu hu rregistra din l-ammissjoni tieghu issa wara li hames persuni ohra li kienu originarjament ko-akkuzati mieghu f'dawn il-proceduri, kienu gja' ammettew qablu precedentement ghall-akkuzi addebitati lilhom.

Illi ghal din il-Qorti, u fil-fehma taghha, dan in-nuqqas tal-hati li jammetti fi stadju precedenti u mhux fl-ewwel opportunita' li kellu, ifisser li hu ried jaghmel il-kalkoli tieghu w ried jistenna jara x'ikun l-ezitu ta' l-ammissjoni tal-persuni l-ohra.

Ikkunsidrat, ghalhekk, li hi bla ebda mod ma thossha marbuta b'dak li gja gie deciz precedentement, inkluza l-piena.

Ikkunsidrat il-fatt li r-reat ta' importazzjoni tad-diversi tipi ta' droga u t-traffikar ta' l-istess, bil-mod kif kien qed isir mill-hati, fil-kaz partikolari huwa reat ferm serju w gravi.  Il-hati ma kienx xi vittma tad-droga li jasal biex ibiegh xi ammonti relativament zghar biex jissodisfa l-vizzju tieghu. L-attivita' tal-hati hija wahda ta' traffikar pur bi skop uniku u intenzjoni ta' profitt kbir finanzjarju b'non-kuranza assoluta ghall-konsegwenzi dizastruzi, kultant  anke fatali, li l-abbuz tad-droga iggib fis-socjeta'.

Illi hu f'dan il-kuntest li l-Qorti tara li r-responsabbilta' kriminali tal-hati hija wahda ferm gravi u ghalhekk trid tasal ghal dik il-piena adegwata fic-cirkostanzi, tenut kont tal-gravita' tar-reati imwettqa mill-hati, ta' l-istat ta' sahha tieghu, ta' l-ammissjoni tieghu f'dan l-istadju tal-proceduri, u ta' l-interess tas-socjeta' u vittmi tad-droga.

Ghar-ragunijiet kollha fuq premessi, ghalhekk, il-Qorti tiddeciedi billi tikkundanna lill-hati Brian Godfrey Bartolo ghall-ghaxar (10) snin prigunerija, bit-tnaqqis ta' kull zmien li hu ilu mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll ghall-Multa ta' tnax il-elf lira Maltin (Lm12,000) konvertibbli f'perijodu ulterjuri ta' prigunerija ta' sena jekk din il-Multa ma tithallasx fi zmien sitt xhur mil-lum.

Tordna l-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti sa fejn dawn jikkoncernaw lill-hati Brian Godfrey Bartolo, u, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9, tikkundanna lill-istess hati li jhallas lir-Registratur tal-Qorti sehmu mill-ispejjes peritali konnessi ma' dan il-kaz, u cioe', dan sehmu fl-ammont ta' mija, erba u disghin lira Maltin (Lm194).

Il-Qorti mhiex qed tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita stante li din tista' tkun mehtiega bhala evidenza f'proceduri ohra relatati."

Rat li minn din is-sentenza Brian Godfrey Bartolo nterpona appell permezz ta' rikors ta' appell tieghu datat 30 ta' Jannar 2001, u dan billi hassu aggravat mid-decizjoni, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar ir-reita` u tirriduci l-piena ghal wahda konformi mal-principji ta' gustizzja effettiva u li verament taghmel ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat ghall-piena u fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant jissottometti dan li gej:

“Dwar il-ligi:
(1) “Fair Trial”

L-esponenti jissottometti li l-principji tal-fair trial, kif imnizzla fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, applikabbli minn kull qorti ta’ gurisdizzjoni kriminali, (ara sentenza Lorry Sant vs Kummissarju tal-Pulizija – il-kaz tas-search) bhala parti mill-ligi ordinarja ta’ Malta, jimplika necessarjament li ma jkunx hemm influwenza indebita mhux biss tal-awtoritajiet, imma wkoll tal-gurnali b’mod li ma jhallix serenita` fil-gudikant. Bir-rispett kollu jinghad li dan gara “subconsciously” f’dan il-kaz, ghaliex hemm il-prova tieghu li minkejja li l-Imhallef iddikjara li ma kienx hekk influwenzat, wera li fuq incident processwali hallih ghaddej minkejja li kienet rikjamata l-attenzjoni tieghu, qanqal hu stess l-ilment l-ghada “wara li ra l-ewwel faccati tal-gurnali”. Dan jindika bic-car l-impatt tal-gurnali fuq l-andament tal-process, li johrog manifest, ir-ragunament tal-qorti dwar il-piena.

(2) Id-diskrezzjonalita` tal-piena

Id-diskrezzjonalita` dwar il-piena moghtija lill-gudikant ma tista’ qatt tkun arbitrarja. Il-kriterji li jintuzaw in eadem re iridu jidhru bil-logika taghhom u l-konsistenza taghhom. Fejn hemm divarju dan ukoll irid ikun logiku, u ragunat, u ma jistax ikun ibbazat fuq l-arbitriju. Mhux bazi tal-fair trial li jinghad li l-kriterji addottati mill-istess Qorti fl-istess kaz, japplikaw ghall-persuna, u ghal ohra le, u kollox jitqies li sar rite et recte ghaliex jidhol fil-parametri tal-piena prevista mil-ligi. U hekk gara f’dan il-kaz. Dan ma kienx kaz fejn il-gurati hargu b’verdetti differenti, b’voti differenti ta’ htija.

DWAR FATTI : (3) L-ewwel Onorabbli Qorti qalet li f’dan il-kaz ma kenitx se tapplika r-riduzzjoni tal-piena ghall-ammissjoni bikrija, ghaliex dan kien diskrezzjonali ghaliha. Huwa minnu li r-riduzzjoni tal-piena minhabba ammissjoni bikrija huwa kriterju diskrezzjonali li gie

introdott bil-gurisprudenza ricenti, imma biex ikun hemm fair trial irid ghall-inqas in eadem re jigi applikat b'konsistenza. L-ewwel Onorabbli Qorti qalet li f'dan il-kaz ma kenitx tapplikah, per ezempju, ghaliex fl-istqarrija, l-esponenti ma ammettix kollox mal-ewwel mal-pulizija. Imma l-ewwel Onorabbli Qorti applikat din ir-remissjoni fil-kaz ta' Carmelo Saliba, li qal li s-suspett tieghu kien l-istess bhal ta' l-appellanti, u fl-ebda mument ma ammetta mal-pulizija li ibnu kien qed idahhal droga, anzi jikkonferma l-verzjoni ta' l-appellanti. L-anqas wiehed mill-ahwa Orsini ma accetta li kien jaf minn qabel li kien hemm droga mal-pulizija, u xorta l-ewwel qorti dan il-kriterju applikatu. L-atti processwali kienu f'idejn il-Qorti meta tat il-piena fil-kazijiet l-ohrajn, u certament kienu ghadhom bikrija u friski fil-memorja.

(4) <u>Il-komportament processwali</u>.

L-esponenti seta' ammetta fl-ewwel seduta, u dan kif intqal esplicitament ma sarx ghar-raguni li hu ried itella xhieda dwar fatti li ried li jinstemghu bil-maghluq. Kieku gew ammessi dawn ix-xhieda, kif fil-fatt gara, kien ikun hemm periklu ghas-sigurta` tieghu. Ma setax jammetti u jgib dawn ix-xhieda quddiem corma nies ohra. Meta saret is-seduta, dawn ix-xhieda gew u ddeponew. L-esponenti ried juri l-kooperazzjoni tieghu, u wera li dan kien qed jaghmlu bis-serjeta`. Minkejja dan, l-ewwel Qorti qalet li l-esponenti ghamel l-ammissjoni tieghu wara li ha in konsiderazzjoni dak li jaqbillu wara li ammettew l-imputati l-ohrajn u setghu jixhdu kontra tieghu. L-offerta tax-xhieda kienet ittiehdet mill-Qorti bhala raguni ghala kellha taghti l-piena li tat fl-ewwel parti kontra l-akkuzati l-ohra, u dan mhux bl-applikazzjoni tal-artikulu 29 tal-Kap. 101 imma fuq is-semplici promessa. L-esponenti minghajr hawn ma joqghod izejjen l-argument kellu ragun ghala ried li jkollu seduta wahdu, u mhux ghaliex kien qed jaghmel kalkolu. u jekk kienu se jixhdu kienu se jbiddlu mill-istqarrijiet taghhom? Ghaliex stqarrijiet minnhom huwa favorevoli ghall-versjoni tal-esponenti. U huwa hazin li jinghad li kriterju huwa li xhieda se jixhdu "kontra". Ix-xhieda suppost li jixhdu fil-process, u jghidu l-fatti veri, u mhux qishom jinghaqdu fit-team kontra xi hadd.

(5) Kooperazzjoni.

L-esponenti rnexxielu jipprova li ghamel l-almu teghu ghall-kooperazzjoni kif jirrizulta mix-xhieda mismugha bil-maghluq, u jirrizerva minn issa li jaghmel kummenti aktar espliciti fit-trattazzjoni, u jgib provi ohra dwar dan, minkejja li spettur tal-pulizija, irrabjat fuq ir-rizultat tal-ewwel pieni, xehed b'mod li l-kooperazzjoni tal-appellanti ma kellhiex rilevanza ta' xejn, xejn u xejn.

(6) Il-partecipazzjoni

Valutazzjoni serja tal-atti processwali turi li l-partecipazzjoni tal-esponenti kienet marginali hdejn ta' Aldo Saliba, li ex admissis kien qal li dak li kien igib kien izommu hu. Veru li implika lill-esponenti, imma bl-istess mod missieru ma kienx jaf x'kien ghaddej, u huwa kontradett. Suppost li l-esponenti kien jitla' jduq id-droga qabel tinxtara, imma skond il-prova li ngiebet mill-habs stess, ma kien hemm l-ebda tracci ta' droga fuq l-esponenti. L-ghadd ta' kazi li fihom kien involut l-esponenti kienu inqas, u anke l-partecipazzjoni finanzjarja. Kieku xehdu kontra tieghu l-akkuzati l-ohra dan kien johrog ukoll.

Kieku xehdu kien johrog ukoll I l-mahzen kien ghand Aldo Saliba, u l-argument li gabet l-ewwel Qorti f'dan il-kaz, biex tiggustifika ghala kienet qed titbieghed mill-piena inflitta fuq l-ohrajn, kien li l-esponenti ma kienx vittma tal-uzu tad-droga. U l-ohrajn kienu? Bir-rispett kollu, il-familja Saliba kienu jimpurtaw halli l-familja ma jkunx jonqosha l-bzonnijiet taghha?

Il-gustizzja tipprezumi l-logika u l-konsistenza.

(7) Elementi ta' distinzjoni favur

Gie ppruvat li l-esponenti ghadu zaghzugh b'diffikultajiet ta' sahha, u inoltre waqt li qieghed fil-habs, qed jaghmel ezamijiet u jistudja. Qed jigi kkurat, u l-Avukat generali ssottometta li ara kemm ghandu ghaliex ikun kuntent

gewwa, qed jikkurawh u jhalluh jitghallem. Kwazi haqqu li jibqa' izjed halli jaghmel postgraduate, bl-istipendju ghaddej!

Diga` ssemmiet il-kooperazzjoni, li ghakemm lealment ma jistax jinghad li tammonta ghal xi attenwanti taht l-artikolu 29 tal-Kap 101, imma kienet akbar mill-weghda li ko-imputati jkunu xhieda."

Din il-Qorti tibda biex tghid li fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti ta' dawn il-Qrati, meta jkun hemm ammissjoni, huwa xi ftit jew wisq odjuz appell mill-piena sakemm din tidhol fil-parametri prefissi mil-ligi. Dan ghaliex min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilta` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Dan ma jfissirx, pero`, illi f'kull kaz din il-Qorti u Qrati ohra ta' l-appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kenitx eccessiva jew le. *Multo magis* meta, bhal fil-kaz odjern, si tratta ta' disparita` fil-piena moghtija lil persuni akkuzati bl-istess reati, fl-istess process, u bis-sentenzi fil-konfront taghhom moghtija mill-istess Qorti.

Jirrizulta li l-appellant kien tressaq flimkien ma' sitt persuni ohra lkoll akkuzati bi ksur ta' provvedimenti tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fost dawn il-persuni kien hemm certu Aldo Saliba li r-reati addebitati lilu kienu l-istess bhal dawk addebitati lill-appellant. Aldo Saliba ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu fi stadju ftit aktar bikri tal-process quddiem il-Qorti Kriminali, u cioe` fit-8 ta' Jannar 2001, f'liema data nghatat is-sentenza fil-konfront ta' l-istess Aldo Saliba u ohrajn filwaqt li fil-konfront ta' l-appellant u missieru John Bartolo l-kawza thalliet ghat-13 ta' Frar 2001. Fl-10 ta' Jannar 2001 l-appellant intavola rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn talab li l-kawza tigi rikjamata peress li kien se jirregistra ammissjoni. Difatti l-kawza giet rikjamata ghas-17 ta' Jannar 2001 meta l-appellant ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-18 ta' Jannar 2001. Is-sentenza nghatat effettivament fit-18 ta' Jannar 2001. Minnha rrizultat disparita` fil-piena moghtija lill-appellant minn dik li

kienet inghatat lil Aldo Saliba. Difatti filwaqt li Aldo Saliba kien gie ikkundannat tmien snin prigunerija u disat elef liri Maltin (Lm9,000) multa konvertibbli f'sitt xhur ohra ta' prigunerija jekk ma tithallasx skond il-ligi, l-appellant gie kkundannat ghaxar snin prigunerija u multa ta' Lm12,000 konvertibbli f'perijodu ulterjuri ta' prigunerija ta' sena jekk din il-multa ma tithallasx fi zmien sitt xhur.

Il-Qrati Inglizi kellhom okkazjoni jittrattaw sitwazzjonijiet simili u minn dik il-gurisprudenza wiehed jista' jislet certi linji ta' gwida. F'*Blackstone's Criminal Practice*, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650) jinghad:

"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include *Brown* [1975] Crim LR 177, *Hair* [1978] Crim LR 698 and *Weekes* (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, *Wood* (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact

that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.

Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (*Dickinson* [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in *Nooy* (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:

There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences."

Archbold, f'*Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. 571) jikkummenta hekk:

"Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: "would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?" (per Lawton L.J. in *R. v. Fawcett*, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not

make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see *R.v. Stroud*, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as *R. v. Wood,* 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., *Fawcett*, ante, and *Broadbridge*, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied."

Ikkunsidrat:

Fl-aggravji tieghu l-appellant jibda biex isostni li l-ewwel Qorti giet influwenzata mill-gurnali bi ksur tal-principji tal-*fair trial* kif imnizzla fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Izda minn ezami li ghamlet din il-Qorti tas-sentenza appellata u ta' l-atti tal-kawza dan ma jirrizultax. Kull gudikant ghandu access liberu ghall-gurnali u ghandu wkoll kull dritt li, waqt il-process, jaghmel dawk il-kummenti li jitqiesu necessarji u sahansitra jaghti dawk il-provvedimenti li jidhirlu opportuni. F'dan il-kaz, il-fatt li seta' kien hemm incident fejn saret xi osservazzjoni da parti tal-prosekutur fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2001 u li dwarha kkummentat il-Qorti l-ghada qabel ma nghatat is-sentenza, u ghal liema osservazzjoni l-istess prosekutur apologizza, ma jfissirx li fl-ghoti tal-piena l-Qorti kienet influwenzata indebitament minn xi rapporti fil-gurnali. Fis-sentenza taghha l-Qorti kienet cara hafna dwar liema kienu l-konsiderazzjonijiet li wasluha biex taghti l-piena li hija waslet ghaliha, u x'seta' ntqal fil-gurnali zgur mhijiex wahda minn dawk il-konsiderazzjonjiet.

Huwa forsi opportun, pero`, li f'dan l-istadju din il-Qorti tikkummenta dwar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn jinghad li l-hati ammetta "wara li hames persuni ohra li kienu originarjament ko-akkuzati mieghu f'dawn il-

proceduri kienu ga` ammettew qablu precedentement ghall-akkuzi addebitati lilhom" u li fil-fehma ta' l-ewwel Qorti "dan in-nuqqas tal-hati li jammetti fi stadju precedenti u mhux fl-ewwel opportunita` li kellu, ifisser li hu ried jaghmel il-kalkoli tieghu u ried jistenna jara x'ikun l-ezitu ta' l-ammissjoni tal-persuni l-ohra". Din mhijiex konsiderazzjoni valida u ma tistax tigi accettata. Altrimenti jkun ifisser li min ma jammettix u jibqa' jikkontesta l-akkuzi li hemm dedotti kontra tieghu se jkun penalizzat minhabba l-kontestazzjoni tieghu. Kull persuna akkuzata ghandha dritt li tikkontesta l-akkuzi dedotti kontra taghha u tipproduci x-xhieda idoneji. Il-fatt li l-appellant ma ammettiex fl-istess gurnata li ammettew il-hames persuni l-ohra ma tistax ghalhekk tittiehed bhala raguni valida ghal xi awment fil-piena. Din il-Qorti nnutat ukoll li f'dan il-kaz l-appellant xtaq jipproduci xi xhieda, haga li kellu kull dritt jaghmel, bil-hsieb li jipprova certa kooperazzjoni da parti tieghu u anke biex jipprova jikkontradici parti minn dak li kien intqal minn Aldo Saliba fl-i*statement* tieghu. Dwar dan il-Qorti tikkummenta aktar 'il quddiem. Ghalhekk, filwaqt li min jammetti fi stadju bikri tal-process jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, m'ghandux jigi penalizzat jekk ma jammettix.

L-appellant isostni wkoll li d-diskrezzjonalita` dwar il-piena li ghandu l-gudikant ma tista' qatt tkun arbitrarja u ghalhekk "mhux bazi tal-*fair trial*" li l-kriterji adottati mill-istess Qorti fl-istess kaz japplikaw ghal persuna u ghal ohra le. Pero`, minn ezami tas-sentenza appellata u dik tas-sentenza moghtija kontra, *inter alia*, Aldo Saliba, wiehed isib certi differenzi fil-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti. Hekk fil-kaz ta' Aldo Saliba hija kkunsidrat biss (1) l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri, (2) id-dikjarazzjoni li lest jaghti d-depozizzjoni guramentata bhala xhud tal-prosekuzzjoni kontra l-persuni l-ohra li kienu ko-akkuzati mieghu, (3) l-ammont, sustanza u valur tad-droga in kwistjoni, (4) iz-zmien li kien ilu taht arrest preventiv u l-fedina penali tieghu, u (5) kull cirkostanza ohra. Fil-kaz ta' l-appellant l-ewwel Qorti ghamlet l-istess konsiderazzjonijiet hlief dik bin-numru tnejn (2), izda mbaghad kkunsidrat ukoll il-fatt li kemm fl-i*statement* tieghu kif ukoll matul l-investigazzjoni, "il-hati qatt ma

ammetta direttament u b'mod car li kien involut f'importazjoni tad-droga bil-mod kif jirrizulta fl-atti, izda qal li l-oggett li kien qed jigi mportat, sa fejn jaf hu, kellu jkun deheb ghalkemm stqarr li jissuspetta li ma kien deheb xejn izda droga". Ikkunsidrat ukoll il-partecipazzjoni attiva tieghu, il-gravita` tar-reat, il-fatt li ma kienx vittma tad-droga u li l-attivita` tieghu kienet immirata lejn il-profitt finanzjarju. Naturalment hija ghamlet ukoll il-konsiderazzjoni l-ohra li ssemmiet fil-paragrafu precedenti u li din il-Qorti diga` osservat li kienet konsiderazzjoni li ma kelhiex issir.

Dato non concesso li r-reita` ta l-appellant u ta' Aldo Saliba kienet almenu simili jekk mhux identika, din il-Qorti tista` tapprezza li l-appellant hass "a sense of grievance" bid-disparita` fis-sentenza. Dak li trid tezamina din il-Qorti, pero`, huwa jekk il-piena moghtija lill-appellant kenitx wahda severa wisq fic-cirkostanzi jew jekk dik kontra Aldo Saliba tistax titqies bhala miti wisq. Dak li certament mhuwiex accettabbli ghal din il-Qorti hu li biex tirriduci sentenza wahda tohloq sitwazzjoni fejn ikun hemm *"two, rather than one, over-lenient penalties"*.

Ghal dan il-fini l-Qorti fliet bir-reqqa kollha l-atti kollha tal-kawza u b'mod partikolari l-atti tal-kumpilazzjoni fejn jinsabu migbura l-provi kollha li ngabu mill-prosekuzzjoni. Mill-i*statement* ta' l-appellant (a fol. 133 sa 138) jirrizulta li hu u l-imsemmi Aldo Saliba kienu ilhom xi sena u nofs jimportaw id-droga f'Malta u li dan ghamluh f'xi hames okkazjonijiet separati, b'dan li l-appellant ighid fl-i*statement* tieghu li hu kien imqabbad minn Aldo Saliba u li dan kien ighidlu li dak li kienu qed jimportaw kien deheb. Ighid li nonostante dan huwa kien jissuspetta sewwa li l-oggetti li kienu qeghdin idahhlu kienet droga, u baqa' jmur peress li kien jaqla' l-flus minn dawn il-vjaggi. Tant hu hekk li jsemmi li kien idahhal Lm2,000 meta jitla' sa Sqallija biss u Lm3,000 meta jitla' sa l-Olanda. Mill-banda l-ohra fl-i*statement* tieghu Aldo Saliba jipprova jaghti l-impressjoni li l-promotur principali kien l-appellant meta jghid, *inter alia*, li l-appellant kien itieh Lm14 ghal kull gramma eroina u li kien hemm xi disgwid bejniethom minhabba li beda jissuspetta li l-appellant kien qieghed

ibieghha bi prezz u lilu jghidlu inqas. Naturalment din il-Qorti hi ben konxja li l-istqarrija ta' ko-akkuzat ma taghmilx prova favur jew kontra ko-akkuzat iehor. Dak li qed taghmel hawn il-Qorti huwa semplicement li tipprova tistabilixxi l-partecipazzjoni relattiva ta' wiehed u ta' iehor.

Il-Qorti hija tal-fehma li m'hemmx xi distinzjoni netta bejn ir-responsabbilta` ta' Aldo Saliba u dik ta' l-appellant. Ix-xiehda ta' Dr. Carmen Salafia li nghatat fis-17 ta' Jannar 2001 u li taghha din il-Qorti semghet ir-registrazzjoni, riferibilment ghall-fatt li meta l-appellant iddahhal il-Habs sarlu test ghall-prezenza ta' drogi li rrizulta fin-negattiv, hija ghal kollox irrilevanti. L-appellant u Saliba flimkien kienu qeghdin jorganizzaw u jimportaw attivament id-droga f'pajjizna. Anke kieku l-appellant kellu jitwemmen li ghall-bidu verament haseb li kienu qeghdin jimportaw deheb, il-fatt li jghid li beda jissuspetta sewwa li kienet droga u ma ddezistiex juri n-non-kuranza tieghu u l-partecipazzjoni shiha u volontarja tieghu fir-reat ta' importazzjoni, reat dan li jikkostitwixxi reat ta' traffikar u li jwassal ghar-rovina jew biex ikompli jirrovina l-hajja ta' tant konsumaturi tad-droga, kultant, bhalma osservat gustament l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, b'konsegwenzi fatali. Izda dan ma kienx qieghed jigi kkunsidrat minn dawn l-importaturi tal-mewt li kienu qeghdin iharsu biss lejn il-gwadann finanzjarju taghhom. U hawn kelna importazzjoni fuq skala sostanzjali. Meta gie intercettat l-appellant u dawk li kienu ko-akkuzati mieghu, id-droga li kienet iddahhlet f'pajjizna kienet tikkonsisti f' 491.9 grammi raza' tal-cannabis, 981.7 grammi eroina u 997.5 grammi kokaina. Ghal din id-droga l-appellant u Aldo Saliba kienu halsu bejniethom madwar Lm20,000 (Lm4,000 l-appellant u l-kumplament Aldo Saliba). Izda t-tnejn qablu fl-i*statements* taghhom li fl-okkazjoni precedenti, meta l-appellant ma setax jitla' peress li kien wegga' siequ, ma' Aldo Saliba kien tela' l-Olanda missieru Carmel Saliba u maghhom tellghu Lm40,000!

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thossha daqsxejn perplessa mhux bil-piena li get inflitta fuq l-appellant izda b'dik li giet inflitta fuq Aldo Saliba li hija tqis bhala miti

wisq. Dan meta jigi kkunsidrat li l-piena massima li setghet tigi inflitta kienet dik ta' prigunerija ghall-ghomor u f'kaz ta' tnaqqis minhabba cirkostanzi msemmijin fl-ewwel proviso ta' l-artikolu 22 (2)(a) tal-Kap 101 ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elf liri Maltin u mhux izjed minn hamsin elf liri Maltin. L-ammissjoni ta' l-akkuzat fi stadju bikri tal-proceduri mhijiex inkluza specifikatament bhala wahda mic-cirkostanzi ndikati ghal tnaqqis fil-piena, izda tali cirkostanza giet accettata mill-Qrati taghna bhala cirkostanza li tista' twassal ghal tnaqqis fil-piena. F'dan il-kuntest issir referenza ghal-linji ta' gwida enuncjati mill-qrati Inglizi ghall-fini ta' riduzzjoni o meno tal-piena f'kaz ta' ammissjoni:

"… the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In *Buffery* (1992) 14 Cr App R (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (*Hoult* (1990) 12 Cr App R (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr App R (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (*Wood*[1997] 1 Cr App R (S) 347) and/or given significant help to the authorities (*Guy* [1999] 2 Cr App R (S) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris (1988) 10 Cr App R (S) 216; *Landy* (1995) 16 Cr App R (S) 908)). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* (1985) 82 Cr App R (S) 281; *Okee* [1998] 2 Cr App R (S) 199)). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an enquiry into the facts (*Williams* (1990) 12 Cr

App R (S) 415). The leading case in this area is *Costen* (1989) 11 Cr App R (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in *Costen* that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts." (Blackstone's Criminal Practice, 2001, para. E1.18, p.1789).

Il-Qorti taqbel ma' dawn il-linji ta' gwida u zzid tghid li mhuwiex possibbi li jigu elenkati l-kazijiet kollha fejn riduzzjoni ta' piena tkun jew ma tkunx indikata peress li kull kaz ghandu l-fattispecie tieghu. Fil-kaz in ezami, in vista tac-cirkostanzi msemmija, tal-fatt li f'reati bhal dawk in kwistjoni fejn tinhtieg tinghata protezzjoni lis-socjeta`, fejn l-appellant u dawk li kienu ko-akkuzati mieghu nqabdu *"red-handed"*, u fejn il-piena massima li setghet tigi inflitta kienet dik ta' prigunerija ghall-ghomor, tirribadixxi li dik inflitta fl-ewwel sentenza, cioe` fuq Saliba, kienet effettivament miti wisq.

Pero` l-appellant isemmi cirkostanzi personali ghalih li minhabba fihom jidhirlu li ma kien jisthoqq qatt li l-piena inflitta fuqu tkun dik li kienet. Isemmi fl-ewwel lok il-kooperazzjoni tieghu. M'hemm l-ebda dubju li hawn m'ghandniex dik il-kooperazzjoni li hija ndikata fl-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kooperazzjoni li jirreferi ghaliha l-appellant hi dik li tirrizulta mix-xhieda mismugha bil-maghluq fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2001 quddiem l-ewwel Qorti. Din il-Qorti semghet ir-registrazzjoni ta' dik ix-xhieda, u senjatament dik ta' Emanuel Cassar, direttur tal-facilita` korrettiva ta' Kordin, u dik ta' l-Ispettur Neil Harrison, u tghid mill-ewwel li ma hi impressjonata xejn bil-kooperazzjoni li ssemmiet u li mhux biss ma kellha x'taqsam xejn ma' dan il-kaz izda li ma

waslet imkien peress li kienet nieqsa minn dettalji precizi li setghu jkunu ta' ghajnuna lill-Pulizija.

In vista ta' dan kollu din il-Qorti tikkonkludi li l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirrespingi l-appell ta' Brian Godfrey Bartolo u, salv dak li nghad, tikkonferma s-sentenza appellata.